Apr 2018

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR






# Kunsill Lokali li Jisma' u Jwettaq

## Local Council that listens and performs



Saħħaħna l-Ġemellaġġ ma' Cicciano fejn is-Sindku ġie mogħti ċ-Ċittadinanza Onorarja

*Visit to Cicciano and Mayor presented with Honorary Citizenship*



*Blood Donation* fiċ-Ċentru Parrokjali Nadur



Premju Ġieħ in-Nadur lis-Soċjetà Filarmonika Mnarja u Kunċert Mużikali ta' San Koronatu

*Locality Honour to Mnarja Philarmonic Society*



Ħarġa għall-anzjani n-Nazzarenu, Savina u Qbajjar

*Elderly Outing*




*Sports Day* għat-Tfal subien u bniet fil-Museum

*Sports Day for children*



*Clean Up* f'Wied Binġemma min Nadur Nadif




*Tournament* għat-tfal *Under 11* fil-grawnd PP Camilleri

*Sports Tournament for children*

# Milied
## 2017

Il-Kunsill Lokali jara li jinvolvi ruħu bis-sħiħ fi żmien il-Milied u għat-tieni sena organizza *'Santa Claus is Coming to Nadur'*. Barra minn hekk, fuq talba ġenerali, ħloqna xbieha tan-Natività ġdida fuq stil modern, li kienet esebita fil-Pjazza. Dan kollu kien ikkumplimentat b'tiżjin oriġinali u uniku fit-toroq taċ-ċentru. Ma naqasx li kellna fostna wkoll lill-President tar-Repubblika.

*Local Council organised Santa's event for 2nd year running as well as installed a new modern Nativity in the Square. We also had a visit from H.E. President of Malta.*











Il-Milied fil-Librerija, ma' Librerija Malta, għat-tfal tan-Nadur

*Library Christmas Event with Malta Libraries*



Presepju Ħaj f'Dar Franġisk Grima ma' Għaqda Ħbieb tal-Presepji Nadur

*The Living Nativity in Nadur*



Wirja 'Milied Malti' ma' Għaqda Ħbieb tal-Presepji Nadur

*Exhibition on Maltese Traditional Christmas*




Kompetizzjoni tal-Presepji fid-djar flimkien ma' Għaqda Ħbieb tal-Presepji Nadur

*Crib Competition*



Kunċert tal-Milied mal-Museum Subien Nadur

*Christmas Concert*






# Karnival Organizzat

## 4 ta' Frar 2018

*Organised Carnival*
















# Karnival Spontanju

## 9-13 ta' Frar 2018

### *Spontaneous Carnival*

Fil-Karnival Spontanju, il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Organizzattiv ħa deċiżjoni li l-mużika kollha fuq barra tkun kontrollata b'sistema waħda. Din, nistgħu ngħidu li ntlaqgħet tajjeb ħafna u l-eluf ta' parteċipanti faħħruha u gawdew biha.

*This year's Spontaneous Carnival was animated by a single sound system.*






# Charter of European Rural Communities

*NADUR 2018*

Din is-sena, proprju bejn id-19 u 23 ta' Lulju, in-Nadur se jospita mal-200 ruħ minn kull pajjiż Ewropew, fil-Laqgħa Annwali taċ-*Charter* li fih, in-Nadur jirrappreżenta lil Malta. Dawn l-adulti u żgħażagħ ser joqogħdu mal-familji Nadurin (u għaldaqstant min jixtieq jospita jista jikkuntatjana), u ser ikollhom programm li jinkludi żjarat f'siti storiċi, ikliet tradizzjonali, diskussjonijiet u workshops fuq it-tema ta' Solidarjetà, dawra kulturali fil-Belt Valletta u serati mill-isbaħ fin-Nadur. Aktar dettalji ser jitqassmu wkoll fix-xhur li ġejjin. In-Nadur jipparteċipa b'mod attiv fiċ-*Charter* u anke ta l-opportunità lil ħafna persuni sabiex jattendu fil-laqgħat li jsiru matul is-snin.

*Nadur will host the Charter next July where 200 EU persons will be hosted at Nadur houses (those who wish to host may contact us). Full details out soon.*

KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA
VALLETTA 2018

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

---

# Gemellaġġ *(Twinning)* ma' Zafferana Etnea

Din is-sena wkoll, fix-xahar ta' Novembru, huwa ppjanat li l-lokalità tagħna u dik ta' Zafferana Etnea fi Sqallija jingħaqdu formalment b'Ġemellaġġ. Dan wara numru ta' skambji li saru fl-aħħar tlett snin u anke r-relazzjoni li kompliet tikber bejn iż-żewġ lokalitajiet. Il-ħsieb huwa li f'Novembru imur grupp minn Nadur u anke jigi grupp minn Zafferana sabiex nifformalizzaw il-ġemellaġġ. Dawk imħajrin jistgħu jikkuntatjawna. F'Ottubru li għadda ż-żewġ Kunsilli għenu lil grupp ta' Anzjani (Dar Franġisk Grima) waqt safra f'Zafferana.

*A town twinning between Nadur and Zafferana Etnea (Sicily) is planned for November 2018.*

European Destinations of Excellence

NADUR
EDEN AWARD FOR
BEST GROWTH OF POPULARITY
ON FACEBOOK
2018 WINNER

FIND US ON FACEBOOK
NadurLocalCouncil



Kollaborazzjoni  fil-Festa ta' San Blas – Jannar 2018

Halloween - Il-Kunsill ħa l-parir tal-familji u żamm l-attività fil-31 t'Ottubru 2017. Din kienet l-akbar waħda minn kemm ilha issir.

*Halloween – October 2017*








Nadur 8K – It-tielet u l-akbar edizzjoni, bi tlielaq għat-tfal u parteċipanti minn Cicciano

*Nadur 8K 3rd Edition*



# Mother's Day OPEN MARKET

THE MORNING OF

SUNDAY 6TH MAY 2018

NADUR CENTRE

# Festi tal-Għid

Il-Kunsill Lokali jara li għal dawn il-festi iżejjen il-Pjazza bi slaleb apposta, kif ukoll jgħin lill-Parroċċa fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira permezz ta' kiri ta' siġġijiet, dwal apposta fit-toroq u anke permezz ta' tiżjin mas-salib tal-Pjazza.

*Local Council also collaborates during Good Friday Procession.*





Tqassim ta' figolli lit-tfal f'nhar l-Għid il-Kbir

*Giving out 'figolli' to kids*



Kollaborazzjoni fiċ-Ċena tas-Sinjur fil-Museum Subien Nadur

# Nadur Nadif



Fl-aħħar tas-sena 2017 ġie ffurmat grupp ġdid – **Nadur Nadif** – magħmul minn persuni li għandhom għal qalbhom l-indafa f'raħalna. Dawn jippruvaw jidentifikaw problemi marbuta mal-indafa pubblika, u jgħaddu anke suġġerimenti lill-Kunsill Lokali. Nadur Nadif irid jgħallem u jinforma lir-residenti dwar l-importanza tal-indafa pubblika u jorganizza attivitajiet apposta. Fit-22 t'April ser isir *Clean Up* f'Wied Daħlet Qorrot bħala parti minn *Earth Day Clean-Up*. Il-Kunsill jifraħ lil dan il-grupp u se jkompli jagħtih l-għajnuna kollha possibli. Dawn li jiextiequ jagħmlu parti minn dan il-grupp jistgħu jikkuntatjawna.

## Major Patching ta' parti minn Triq il-Qortin







## Tiswija ta' parti minn Triq San Blas

## Xogħol ppjanat fuq Triq Żrajk u toroq rurali





Il-Kunsill Lokali, matul l-2018, ra li tkompli ssir ħidma fuq l-uċuħ ta' xi toroq. Triq il-Qortin diġa saret biċċa minnha grazzi għal skema mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u anke fondi tal-Kunsill Lokali. Issa fix-xhur li ġejjin din ser titkompla kollha grazzi għall-Ministeru għal Għawdex li laqa' t-talba tagħna u qed jipprovdi l-fondi. Triq taż-Żrajk ukoll tinsab fi stat diżastruż u allura huwa mminenti li jibda' x-xogħol sabiex din tingħata wiċċ ġdid. Wara applikazzjoni fl-2017, il-Kunsill bi pjaċir iħabbar li fil-ġranet li għaddew akkwistajna fondi Ewropej taħt il-Miżura 4.3 sabiex isir xogħol fuq toroq rurali (Wied Binġemma u Ta' Xurdin). Il-Kunsill ukoll rranġa biċċa mit-Triq li tagħti għall-bajja ta' San Blas u issa grazzi għall-Ministeru għal Għawdex, qed titranġa biċċa oħra li waqgħet.

*Local Council imminent works on Qortin and Zrajk Street, as well as planned works on rural roads.*

## Xogħolijiet oħra

# mill-Kunsill Lokali

### Other works by Nadur Local Council



Tiswija minn barra u ġewwa tat-Torri ta' Kenuna




Jitneħħa l-periklu mis-sies ta' Daħlet Qorrot grazzi għal għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex



Tiswija fuq *Totems* li kienu mkissra jew vandalizzati



Tiswija ta' diversi ħitan tas-sejjieħ




Installata CCTV ħdejn *Bring-in-Sites* fi Triq it-Tiġrija




Pjanti ġodda fiċ-Ċentru u tabelli sabiex jiġu protetti